Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dottor Paul Coppini LL.D.

Kompilazzjoni numru 44/2002

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

versus

Joe Grima ta' 37 sena, bin Angelo u Katrina née Ciantar, imwieled l-Awstralja fil-5 ta' Ottubru 1965 u residenti "Leyland", Triq Benghazi, Ghajnsielem, Ghawdex (Karta' ta' Identita' numru 21734(A)).

Illum 29 ta' Settembru 2002

Il-Qorti;

Rat l-akkuza li permezz taghha l-imputat Joe Grima gie akkuzat talli fit-28 ta' Settembru 2002 ghal habta ta' bejn id-9.30 u l-10.00p.m., f'Victoria, Ghawdex, insolenta, hedded u fizikament aggredixxa lil P.S. 1346 Anton Schembri, P.S. 369 Joseph Mizzi, P.C. 1397 Paul Xerri, P.C. 639 Joe Bugeja, P.C. 906 Raymond Rapa u P.C. 379 Joe Azzopardi, ufficcjali tal-Korp tal-Pulizija u kwindi persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u dan bil-hsieb li jbezzaghhom u jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U talli fl-istess data, lok u hin, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' P.S. 1346 Schembri u P.S. 369 Mizzi, kollha ufficcjali pubblici, waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew influwixxi fuqhom kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghhom;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti;

U talli fl-istess data, lok u hin hedded lil diversi ufficcjali tal-Korp tal-Pulizija;

U talli fl-istess data, lok u hin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

U talli fl-istess, data, lok u hin m'obdiex ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

U talli fl-istess data, lok u hin dagha u qal kliem oxxen fil-pubbliku;

U talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor billi kkaguna hsarat fuq il-vettura GVP 423 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Semghet ukoll lill-imputat prezenti fl-awla jammetti l-akkuzi kif dedotti, u li huwa jiddispjacih ta' li ghamel kif ukoll li huwa dispost ihallas l-ispejjez tal-hsara kagunata fil-vettura tal-pulizija konnessa ma' dawn l-incidenti;

Ghalhekk in vista' ta' din l-ammissjoni u wara li rat l-artikolu 392A tal-Kap. 9 u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u wara li rat l-artikoli 95, 342, 338dd u 325 tal-Kap. 9, il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghal multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u tapplika ukoll fil-konfront tieghu l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex huwa ma jimmolestax lill-persuni indikati fl-akkuza ghal zmien sena mil-lum taht piena ta' mitt lira (Lm100) fin-nuqqas.

Il-Qorti, tordna ukoll li a tenur ta' l-artikolu 392A(2) illi dawn l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza ghandhom jigu mibghuta lill-Avukat Generali kif provdut fis-sub artikolu 3 ta' l-artikolu 401 tal-Kap. 9.

(ft.) Paul Coppini
Magistrat

(ft.) Anthony Mizzi
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur